# Ħdejn il-Qamar

*B'tifkira tal-qawsalla li dehret ma' dwar il-qamar fil-lejla tas-7 ta' Diċembru--lejlet il-Kunċizzjoni—1938.*

Ħarist 'il fuq u rajt lill-qamar mimli
fuq tiegħu u daħqan.
Tifwiġ mieles inħass: mexxa s-sħab niedi
u l-Qamar deh'r għarqan.

Ridt intir ħdejh. Tal-ħsieb ilbist il-ġwienaħ:
inqtajt mill-art u tlajt.
Tlajt qrib il-Qamar, qgħadt fuq sħaba miexja:
tal-ħajja nifs twil blajt.

Inxtħett qalb it-tajjâr abjad tas-sħaba
u lmaħt mill-qrib qawsalla
ta' tliet kuruni: safra, kaħla u ħamra
imdawra mad-dawl t'Alla.

Fuq ras il-qamar saff ieħor bajdani
rajt, donnu ħafna wċuh;
f'dawk ix-xbihat deherli li qed nara
ta' Marte l-egħref xjuħ.

U l-qamar jitbissimli! Id-dija tiegħu,
fietla bix-xemx li nħbiet,
dawlet lid-dinja, wens fis-skiet tal-ljieli,
Żaret widien, għoljiet.

Bir-riedni f'idi ersaqt lejn il-Qawsalla:
"Iris" — staqsejtha jien —
"Xi jfissru t-tliet kuruni ta' mal-Qamar
minsuġa bl-ogħna lwien ?".

Iris tat ħarsa lejn il-Qamar: ratu
mistħi fis-sħab jinħeba,
imbgħad weġbitni: "Għada jum il-btala
tax-Xbejba mingħajr Tebgħa!....."

N. Biancardi.